31968R0260

IR-REGOLAMENT (KEE, EURATOM, KEFA) Nru 260/68 TAL-KUNSILL tad-29 ta' Frar, 1968, li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċedura għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi Kunsill Wieħed u Kummissjoni Waħda tal-Komunitajiet Ewropej;

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikolu 13 tiegħu;

Wara li kkunsidra il-propsta tal-Kummissjoni,

Billi jeħtieġ li jkunu stabbiliti l-kondizzjonijiet u l-proċedura li bihom is-salarji, il-pagi, u l-emolumenti ta' uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet, u ta' persuni li għalihom japplika wkoll l-Artikolu 13 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, għandhom ikunu soġġetti għat-taxxa ffissata b'dak l-Artikolu;

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-taxxa fuq salarji, pagi u emolumenti mħallsa mill-Komunitajiet lill-uffiċjali u mpjegati oħra tagħhom, li tidher fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 13 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, għandha tkun iffissata skond il-kondizzjonijiet u miġbura skond il-proċedura stabbiliti b'dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dawn li ġejjin huma soġġetti għat-taxxa:

— persuni li huma soġġetti għar-Regolamenti tal-Persunal għal Uffiċjali jew għall-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Komunitajiet, magħduda dawk li jirċievu l-kumpens mogħti lil min jitneħħa mill-impjieg fl-interess tas-servizz, iżda mingħajr ma jkun magħdud persunal lokali;

— min jirċievi kumpens għal terminazzjoni ta' servizz kif provdut fl-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 [1].

[1] ĠU L 56, ta' l-4.3.1968, p. 1.

Artikolu 3

1. It-taxxa għandha titħallas kull xahar fuq salarji, pagi u emolumenti mħallsa mill-Komunitajiet lil kull persuna soġġetta għaliha.

2. Iżda, flejjes u *allowances*, kemm jekk imħallsa f'ammont wieħed u kemm jekk ma jkunux, li jirrappreżentaw kumpens għal spejjeż magħmula fil-qadi ta' dmirijiet uffiċjali, m'għandhomx jingħaddu ma' l-ammont bażiku taxxabbli.

3. L-*allowance* tal-familja u benefiċċji soċjali li jidhru fil-lista hawn taħt għandhom jitnaqqsu mill-ammont bażiku taxxabbli:

(a) *allowance*s tal-familja:

— *allowance* lill-kap tal-familja,

— *allowance* għal wild dipendenti,

— *allowance* għall-edukazzjoni,

— *allowance* tat-twelid;

(b) assistenza soċjali;

(ċ) *allowance*s imħallsa minħabba mard relatat mal-post tax-xogħol jew aċċident;

(d) dik il-parti ta' kull ħlas li tirrappreżenta *allowance*s tal-familja.

L-ammont li jitnaqqas għandu jkun iffissat wara li jitqiesu, fejn jixraq, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5.

4. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5, għandhom jitnaqqsu 10 % ta' l-spejjeż relatati mal-post tax-xogħol jew personali mill-ammont miksub wara li jkunu applikati d-disposizzjonijiet ta' qabel dan il-paragrafu.

Għandu jsir tnaqqis addizzjonali li jkun id-doppju ta' l-ammont ta' l-*allowance* għal wild dipendenti għal kull wild dipendenti tal-persuna soġġetta għat-taxxa, kif ukoll għal kull persuna meqjusa

bħala wild dipendenti skond it-tifsira ta' l-Artikolu 2(4) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

5. Tnaqqis mir-rimunerazzjoni lil persuni soġġetti għat-taxxa minħabba penzjonijiet jew *allowance*s ta' irtirar jew ta' sigurtà soċjali għandu jsir mill-ammont bażiku taxxabbli.

Artikolu 4

It-taxxa għandha tkun kalkolata, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5, fuq l-ammont taxxabbli miksub wara li jkun applikat l-Artikolu 3, u mingħajr ma jitqies kull ammont li ma jeċċedix 803 FB, u billi tkun applikata r-rata ta':

8	%	tal-frazzjoni inkluża bejn	803 u 14 178 FB
10	%	tal-frazzjoni inkluża bejn	14 179 u 19 528 FB
12,50	%	tal-frazzjoni inkluża bejn	19 529 u 22 380 FB
15	%	tal-frazzjoni inkluża bejn	22 381 u 25 413 FB
17,50	%	tal-frazzjoni inkluża bejn	25 414 u 28 265 FB
20	%	tal-frazzjoni inkluża bejn	28 266 u 31 030 FB
22,50	%	tal-frazzjoni inkluża bejn	31 031 u 33 883 FB
25	%	tal-frazzjoni inkluża bejn	33 884 u 36 648 FB
27,50	%	tal-frazzjoni inkluża bejn	36 649 u 39 500 FB
30	%	tal-frazzjoni inkluża bejn	39 501 u 42 265 FB
32,50	%	tal-frazzjoni inkluża bejn	42 266 u 45 118 FB
35	%	tal-frazzjoni inkluża bejn	45 119 u 47 883 FB
40	%	tal-frazzjoni inkluża bejn	47 884 u 50 735 FB
45	%	tal-frazzjoni superjuri għal	50 735 FB

Artikolu 5

Meta salarji, pagi u emolumenti jkunu soġġetti għal fattur korrettiv:

— l-ammont ta' kull element magħdud fil-kalkolazzjoni tat-taxxa, ħlief għat-tnaqqis magħmul mir-rimunerazzjoni lil persuni soġġetti għat-taxxa minħabba penzjonijiet jew *allowance*s ta' irtirar jew ta' sigurtà soċjali, għandu jinkiseb, għall-fini ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, billi jkun applikat il-fattur korrettiv għall-ammont ta' l-element kalkolat qabel ma jkun applikat il-fattur korrettiv għar-rimunerazzjoni;

— l-ammont ta' tnaqqis imsemmi fl-Artikolu 3(4) għandu jinkiseb billi jkun applikat il-fattur korrettiv għall-ammonti ta' tnaqqis kif kalkolati qabel ma jkun applikat kull fattur korrettiv għar-rimunerazzjoni;

— l-ammonti ta' dħul murija fl-Artikolu 4 għandhom ikunu soġġetti għall-fattur korrettiv.

Artikolu 6

1. B'deroga mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 3 u 4:

(a) is-somom imħallsa

— bħala kumpens għal sahra,

— għal xogħol li jkun partikolarment iebes,

— għal servizzi eċċezzjonali,

— għal invenzjonijiet bi privattiva,

għandhom ikunu kkalkolati għall-finijiet tat-taxxa bir-rata li, fix-xahar ta' qabel dak li fih isir il-ħlas, kienet tapplika għall-ogħla ammont taxxabbli tar-rimunerazzjoni ta' l-uffiċjal;

(b) ħlasijiet magħmula minħabba terminazzjoni ta' servizz għandhom ikunu ntaxxati, wara li jkun applikat it-tnaqqis imsemmi fl-Artikolu 3(4), b'rata ugwali għal żewġ terzi tal-proporzjon eżistenti, fiż-żmien ta' l-aħħar ħlas tas-salarju, bejn:

— l-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas, u

— l-ammont bażiku taxxabbli kif imfisser fl-Artikolu 3.

2. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament m'għandhiex ikollha l-effett li tnaqqas salarji, pagi jew emolumenti ta' kull xorta mħallsa mill-Komunitajiet għal ammont li jkun anqas mill-minimu tar-rata ta' livell ta' għajxien kif imfisser fl-Artikolu 6 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal għal Uffiċjali tal-Komunitajiet.

Artikolu 7

Meta l-ħlas taxxabbli jkun għal perjodu ta' anqas minn xahar, ir-rata tat-taxxa għandha tkun dik applikabbli għall-ħlas tax-xahar korrispondenti.

Meta l-ħlas taxxabbli jkun għal perjodu ta' aktar minn xahar it-taxxa għandha tkun kalkolata daqs li kieku dak il-ħlas kien maqsum indaqs għax-xhur li għalihom jirreferi.

Ħlasijiet korrettivi li ma jkunux jirreferu għax-xahar li matulu jkunu tħallsu għandhom ikunu soġġetti għat-taxxa li kienu jkunu soġġetti għaliha kieku l-ħlasijiet saru f'waqthom.

Artikolu 8

It-taxxa għandha tingħabar minn ras il-għajn. L-ammont għandu jkun arrotondat 'l isfel.

Artikolu 9

Id-dħul mit-taxxa għandu jidher bħala dħul fl-estimi tal-Komunitajiet.

Artikolu 10

Il-korpi li jmexxu l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet għandhom jikkooperaw bejniethom biex dan ir-Regolament ikun applikat b'mod uniformi.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta kull disposizzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 11

Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll:

— għall-membri tal-Kummissjoni,

— Imħallfin, Avukati Ġenerali, Reġistratur u Assistenti Relaturi tal-Qorti tal-Ġustizzja,

— għall-membri tal-Bord tal-Verifika.

Artikolu 12

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-membri ta' l-organi tal-Bank ta' Investiment Ewropew u għall-membri tal-persunal tiegħu, u għal riċevituri ta' ħlas ta' penzjonijiet mill-Bank, li huma nklużi fil-kategoriji stabbiliti mill-Kunsill bl-applikazzjoni ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 16 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, fir-rigward ta' salarji, pagi u emolumenti, u għall-penzjonijiet imħallsa mill-Bank għal disabilità, irtirar u lil superstiti.

Artikolu 13

Il-kumpens u l-ħlasijiet imsemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 32 (KEE) 12 (KEEA) [1] għandhom ikunu eżenti mit-taxxa.

Artikolu 14

Ir-Regolament Nru 32 (KEE, 12 (KEEA) huwa b'dan imħassar.

Artikolu 15

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-publikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 29 ta' Frar, 1968.

Għall-Kunsill

Il-President

M. COUVE DE MURVILLE

[1] ĠU C 45, ta' l-14.6.1962, p. 1461/62.